Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Ottubru, 2022, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Alison Lautier vs Dennis Lautier Rikors Nru 84/2022JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Dennis Lautier a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors ta' ġuramentat numru 84/2022 JPG fl-ismijiet Alison Lautier (KI 180785M) vs Dennis Lautier (KI 254779M), ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fit-22 ta' April 2022, ir-rikorrenti Alison Lautier (KI 180785M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minħabba abbuż fiżiku, psikoloġiku, emozzjonali, servizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji

By means of a decree of the 6th October, 2022 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Alison Lautier vs Dennis Lautier, Application Number 84/2022JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Dennis Lautier in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of a sworn application number 84/2022JPG in the names Alison Lautier (ID 180785M) vs Dennis Lautier (ID 254779M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 22nd April 2022, the applicant Alison Lautier (ID 180785M) requested this Honourable Court to:

1. Declare the personal separation between the said parties due to physical, psychological, emotional abuse, excesses, threats and serious insults committed by the

gravi kommessi mill-konvenut kontra l-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt illi jitlob u jirċievi manteniment mingħand l-esponenti filwaqt li tiddikjara li l-esponenti ma tilfitx id-dritt tagħha li titlob u jew tirċievi manteniment mingħand il-konvenut;

3. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri – omissis – tkun fdata esklussivament f'idejn l-esponenti u sabiex l-esponenti tieħu dawk id-deċizjonijiet kollha relatati mal-minuri inkluż dawk relatati mas-saħħa, mal-ħruġ tal-passaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri mingħajr il-kunsens tal-konvenut;

4. Tordna li l-minuri jirrisjedu mal-esponenti filwaqt li jiġu indikati ġranet u ħinijiet ta' aċċess;

5. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-attur rikonvenzjonat lill-esponenti, kif ukoll għall-imsemmija wlied -ommisis - u jibqa' hekk pagabbli sakemm it-tfal jagħlqu l-età ta' 18-il sena u jekk jieqaf mill-iskola u jibdew jaħdmu fuq bażi full time sa 23 sena jekk it-tfal jiddeċiedu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi full time kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess maneteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja u li l-esponenti tirċievi kwalunkwe benefiċċju tat-tfal, inkluż imma mhux limitatament iċ-children's allowance, fl-intier tagħhom;

6. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas arretrati ta' manteniment għaż-żewġ ulied, kif ukoll arretrati relatati ma' spejjeż inkorsi għas-saħħa, edukazzjoni, safar u kwalunkwe attivitajiet ekstra-kurrikulari;

7. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-istess tfal sakemm ikunu għadhom qed jistudjaw, inkluż u mhux limitatament, uniformijiet, trasport, stationary, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet ekstra-kurikulari tal-minuri u nofs l-ispejjeż relatati mal-preċett u l-griżma tal-minuri u ħruġ ta' passaporti;

8. Tordna ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta a favur l-esponenti u jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss il-ħtieġa;

9. Tordna d-dekadenza tal-attur rikonvenzjonat mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tapplika kontriha interament id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48, 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

defendant against the applicant and consequently authorise the plaintiff to live seperately from the defendant;

2. Declare that the defendant waived the right to request and receive maintenance from the applicant while declaring that the applicant has not lost her right to request and or receive maintenance from the defendant;

3. Order that the care and custody of the minors – omissis – be entrusted exclusively to the applicant and for the applicant to take all those decisions related to the minors including those related to health, upon the issue of passports, travel and education of the minors without the defendant's consent;

4. Order that the minors reside with the applicant whilst the days and times of access are indicated;

5. Fix and liquidate an adequate amount of maintenance which shall be payable by the plaintiff contractually agreed to the applicant, as well as to the said children – omisiss – and shall remain so payable until the children reach the age of 18 years and if they stop receiving their education and start working on a full time basis until the age of 23 if the children decide to continue studying on a full time basis and also orders that the maintenance is deducted directly from the salary or earnings of the defendant from employment or work or any benefit that the defendant is receiving, and are deposited in a bank account indicated by the applicant and provides on the modalities of how the same maintenance should be reviewed and amended every year to reflect the increase in the cost of living and that the applicant receives any children's benefits including but not limited to the childrens' allowance, in their entirety;

6. Order the defendant to pay maintenance arrears for the two children, as well as arrears related to expenses incurred for health, education, travel and any extra-curricular activities;

7. Order the defendant to pay the health and education costs of the same children as long as they are still studying, including but not limited to clothing, uniforms, transport, stationary, private lessons and any other costs related to education, including related costs with extgra-curricular activities of minors and half of the costs related to the holy communion and confirmation of the minors and the issuance of passports;

8. Order a Protection order in terms of Chapter 16 of the Laws of Malta in favour of the applicant and if this Honourable Court is of the view that this is needed;

9. Order that the defendant lost his right to any conjugal rights in terms of Article 48 et seq of Chapter 16 of the Laws of Malta and applies against in their entirety the provisions of Article 48, 51 till 55 of Chapter 16 of the Laws of Malta;

10. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet, mhux neċessarjament ugwali, komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attur rikonvenzjonat u l-oħra lill-attriċi, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

11. Tiddikajra liema huma l-beni parafernali tal-partijiet u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni kollha parafernali tagħha.

12. Tawtorizza lill-esponenti tibqa' tirrisjedi fil-fond numru 33, B1, Crystal Court, Triq Gemmugħa, Marsaskala flimkien mat-tfal ad esklużjoni tal-konvenut;

13. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u ċioè Higgans;

14. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum u ħin u post stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

15. Tawtorizza lill-attriċi illi tirreġistra Fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt għas-subizzjoni.

rikorrenti: 9, St Peter, Trejqet ta' Pascarella, Ħal Qormi.

Konvenuta notifika: 33, B1, Crystal Court, Triq Gemmugha, Marsaskala.

Ir-rikors fl-ismijiet Alison Lautier vs Dennis Lautier, rikors numru 84/2022JPG jinsab differita għall-5 ta' Diċembru, 2022 fis-1.15p.m.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 25 ta' Novembru, 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

10. Declare dissolved and terminated the existing community of acquests between the parties and order that the same parties be divided into two shares, not necessary equal, consisting as ordered and established by the Honourable Court, which portions will be assigned one to the defendant and the other to the plaintiff and this may be done, if needed by means of a nominated architect and a nominated notary to publish the relative deed and curator to represent any contumacious parties on the same deed;

11. Declare what are the paraphernal properties of the parties and order the defendant to restore to the applicant all her paraphernal property;

12. Authorise the applicant to continue to reside in premises number 33, B1, Crystal Court, Triq Gemmugha Marsascala together with the children to the exclusion of the defendant;

13. Authorise the applicant to revert to her maiden surname that is Higgans;

14. Appoint a curator to represent the defendant in his eventual appearance on the relative deed of division at a day and time and place established by this Honourable Court;

15. Authorise the applicant to register in the Public Registry of Malta the eventual judgement given by this Honourable Court.

With costs and interest against the defendant who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 9, St Peter, Trejqet ta' Pascarella, Ħal Qormi.

Respondent notification: 33, B1, Crystal Court, Triq Gemmugha, Marsascala.

The Application in the names Alison Lautier vs Dennis Lautier, Application Number 84/2022JPG has been postponed for hearing to the 5th December, 2022 at 1.15p.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 25th November, 2022,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2208

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Settembru, 2022, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Loriane Simonini vs Emanuel Pisani Rikors Nru 431/2022AGV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Emanuel

By means of a decree of the 27th September, 2022 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Loraine Simonini vs Emanuel Pisani, Application Number 431/2022AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent

Pisani a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors numru 431/2022 AGV fl-ismijiet Loriane Simonini, mart emanuel Pisani, bint Paul Leslie Simonini u Victoria nèe Muscat, imwielda Tal-Pietà (KI 151689M) vs Emanuel Pisani, bin missier mhux magħruf u Concetta Pisani nèe Pisani, imwieled Tal-Pietà (KI 29489M), ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fid-9 ta' Awwissu, 2022, ir-rikorrenti Loriane Simonini talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħalla taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Notifika; Emanuel Pisani – Gransite, Blk C, Fl 2, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar.

Ir-rikors fl-ismijiet Loraine Simonini vs Emanuel Pisani, rikors numru 431/2022AGV jinsab differita għall-5 ta' Diċembru, 2022 fil-11.00a.m.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 25 ta' Novembru, 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunal

Emanuel Pisani in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

By means of an application number 431/2022AGV in the names Loriane Simonini, wife of Emanuel Pisani, daughter of Paul Leslie Simonini and Victoria nèe Muscat, born in Pietà, (ID 151689M) vs Emanuel Pisani, son of unknown father and Concetta Pisani nèe Pisani, born in Pietà, (ID 29489M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 9th August, 2022, the applicant Loriane Simonini requested this Honourable Court to:

1. To pronounce the divorce that is the dissolution of the marriage between the parties;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time allowed by this Court informs the Director Public Registry with the divorce of the parties so that it is duly registered in the Public Registry.

Respondent notification: Emanuel Pisani – Gransite, Block C, Flat 2, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar.

The Application in the names Loraine Simonini vs Emanuel Pisani Application Number 431/2022AGV has been postponed for hearing to the 5th December, 2022 at 11.00a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 25th November, 2022,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2209

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru, 2022, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Sonia Farrugia vs Reuben Farrugia Rikors Nru 127/2022AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Reuben Farrugia a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors ta' ġuramentat numru 127/2022 AL fl-ismijiet Sonia Farrugia (KI 495970M) vs Reuben Farrugia (KI 389169M), ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fit-13 ta' Ġunju, 2022, ir-rikorrenti Sonia Farrugia (KI 495970M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan għaliex il-ħajja konjugali bejniethom m'għadiex aktar possibbli minħabba li l-konvenut rrenda ruħu ħati ta' adulterju versu l-attriċi kif ukoll ingurji gravi u li l-istess separazzjoni għandha tiġi kkomunikata mal-Awtoritàjiet kompetenti;

By means of a decree of the 12th October, 2022 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Sonia Farrugia vs Reuben Farrugia, Application Number 127/2022AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Reuben Farrugia in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of a sworn application number 127/2022AL in the names Sonia Farrugia (ID 495970M) vs Reuben Farrugia (ID 389169M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 13th June 2022, the applicant Sonia Farrugia (ID 495970M) requested this Honourable Court to:

1. Declare the personal separation between the parties and this on the basis that the married life between them is no longer possible because the defendent has rendered himself guilty of adultery against the plaintiff as well as grievous injury and that the same seperation has to be communicated to the competent Authorities;

2. Tittermina, tillikwida, u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti skont il-liġi;

3. Tapplika kontra l-intimat l-effetti tal-artikoli 48 et sequitur tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli;

4. Tawtorizza illi l-minuri – omissis – tibqa' tirrisjedi mal-omm stante illi din hija x-xewqa tagħha;

5. Talloka manteniment xieraq versu r-rikorrenti u l-minuri -omissis;

6. Tawtorizza aċċess xieraq versu l-minuri ma' missierha kif ukoll fil-festi pubbliċi jkun b'mod alternat, jifieri festa mal-omm u oħra mal-missier;

7. Tordna lill-intimat iħallas nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa tal-minuri -omissis;

8. Tordna illi nofs l-ishma li għandu l-konvenut fil-kumpaniji Easy Hiring & Holdings Limited (C52853), EasyGas Malta Limited (C45789), Ruben Farrugia & Sons Limited (C75239) u Malta European Film Services Limited (C66799) jiġu trasferiti lilha bħala sehem tagħha mill-komunjoni tal-akkwisti;

9. Tordna illi l-proprjetà illi tinsab ġewwa Marsaskala li ggib l-isem ta' Block 7, Flat 731, Triq il-Bajja ta' Monita Residence tibqa' esklussivament tagħha stante illi din hija l-villegattura tas-sajf tagħha u l-kumpanija għandha sebgħa proprjetàjiet oħra illi jista' faċilment jagħmel użu minnhom il-konvenut.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża kontra l-intimat li minn issa jinsab ingunt in subizzjoni.

Ir-rikors fl-ismijiet Sonia Farrugia vs Reuben Farrugia, rikors numru 127/2022AL jinsab differita għas-7 ta' Diċembru, 2022 fid-9.15a.m.

konvenut notifika: Blk 7, Apt 731, Triq il-Bajja ta' Monita Residence, Marsaskala.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 25 ta' Novembru 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunal

2. Terminate, liquidate and divide the existing community of acquests between the parties according to the law;

3. Apply against the respondent the effects of articles 48 et sequitur of Chapter 16 of the laws of Malta where applicable;

4. Authorise that the minor – omissis – continues to reside with the mother as it is her wish;

5. Allocate appropriate maintenance towards the applicant and the minor – omissis;

6. Authorise appropriate access to the minor with her father as well as on public holidays in an alternate way that is a holiday with her mother and another with her father;

7. Order the respondent to pay half of the costs of education and health of the minor – omissis;

8. Order that half of the shares held by the respondent in companies Easy Hiring & Holdings Limited (C52853), EasyGas Malta Limited (C45789), Ruben Farrugia & Sons Limited (C75239) and Malta European Film Services Limited (C66799) be transferred to her as her share of the community of acquests;

9. Order that the property located inside Marsascala which holds the name of Block 7, Flat 731, Triq il-Bajja Ta' Monita Residence remains exclusively hers given that that is her summer resort and the company has seven other properties that the respondent can easily make use of.

With costs of this case against the defendant who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

The Application in the names Sonia Farrugia vs Reuben Farrugia, Application Number 127/2022AL has been postponed for hearing to the 7th December, 2022 at 9.15a.m.

Respondent notification: Block 7, Flat 731, Triq il-Bajja Ta' Monita Residence, Marsascala.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 25th November 2022,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2210

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Mejju 2022 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 351/2022, fl-ismijiet l-Awtorità tal-Artijiet vs Victor Fenech et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Victor Fenech u Carmen Fenech a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

By means of a decree of the 12th May 2022 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 351/2022, in the names Lands Authority vs Victor Fenech et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Victor Fenech and Carmen Fenech in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 26 ta' Jannar 2022

Lil Victor Fenech (KI 698355M) ta' 137, Chenef Lodge, Triq il-Linja, Attard u Carmen Fenech (KI 650159M) ta' 137, Chenef Lodge, Triq il-Linja, Ħ'Attard.

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tal-Artijiet ta' Auberge de Baviere, Triq San Bastjan, il-Belt Valletta tirreferi għall-ittra uffiċjali li saret fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 466 li saret fil-konfront tagħkom fir-rigward ta' arretrati ammontanti għal €8,250.71 dovuti bħala bilanċ ta' kera dovut lill-mittenti fuq it-tenement numru 051350 bl-indirizz P/O House & Garden 6, Triq Ħal Ħal Qormi, Sqaq Nru 4, Ħ'Attard.

Illi madankollu, anke wara tali interpellazzjoni għall-ħlas tal-imsemmi ammont, intom bqajtu inadempjenti.

Illi stante li l-mittenti għandha titolu eżekuttiv fil-konfront tagħkom hija qiegħda preżentament tinfurmakom, li kemm-il darba dawn l-arretrati ma jitħallsux fiż-żmien ħmistax-il ġurnata, hija se tkun kostretta li tipproċedi bil-proċeduri legali meħtieġa sabiex tinforza it-titolu eżekuttiv hawn fuq imsemmija.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw rwieħkom.

Bl-ispejjeż u bl-interessi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 25 ta' Novembru 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

Today 26th January 2022

To Victor Fenech (ID 698355M) of 137, Chenef Lodge, Triq il-Linja, Attard and Carmen Fenech (ID 650159M) of 137, Chenef Lodge, Triq il-Linja, Attard.

By the present, the Lands Authority of Auberge de Baviere, Triq San Bastjan, Valletta makes reference to the judicial letter made in the Reġistru of this Honourable Court, in terms of Article 466 against you regarding the arrears amounting to €8,250.71 due as balance of rent due to the interpellant on tenement number 051350 with address P/O House & Garden 6, Triq Ħal Ħal Qormi, Sqaq No 4, Attard.

That although you were solicited to pay the said amount you remained in default.

The interpellant has executive title against you, and is presently informing you that if you do not pay the arrears within fifteen days it shall be constrained to proceed legally against you to enforce its executive title above mentioned.

So much for your own guidance and to be guided accordingly.

With costs and interest.

Registry of the Superior Courts today 25th November, 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2211

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-31 ta' Awwissu, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 182/2021, fl-ismijiet Reuben Bonnici pro et noe vs Marija Dolores Pullicino, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Marija Dolores Pullicino a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum l-25 ta' Jannar, 2021

Lil Marija Dolores Pullicino (KI 779747M) ta' St Rita, 20, Fl 1, Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ, Malta.

Permezz tal-preżenti Reuben Bonnici (KI 448471M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Automated

By means of a decree of the 31st Awwissu, 2021, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 182/2021 in the names Reuben Bonnici pro et noe vs Marija Dolores Pullicino, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Marija Dolores Pullicino in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 25th January, 2021

To Marija Dolores Pullicino (ID 779747M) of St Rita, 20, Fl 1, Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ, Malta.

By the present, Reuben Bonnici (KI 448471M) for and on behalf of Automated Revenue Management Services

Revenue Management Services Limited (C 46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed jinnotifikawk bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed jinterpellawk sabiex tħallas is-somma ta' €7,023.26, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont u liema Ammont jikkonsisti fis-sewgenti:

i. In kwantu l-kont numru 101000052054 l-ammont ta' €5,012.34 fil-fond bl-indirizz 21, Triq il-Parroċċa, Ħaż-Żebbuġ, Malta; u

ii. In kwantu l-kont numru 101000164592 l-ammont ta' €2,010.92 , fil-fond bl-indirizz Flt 1, St Rita, Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ, Malta.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum l-25 ta' Novembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €7,023.26 which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations or water supply regulations together with interest due on the amount and which account consists of the following:

i. As for bill number 101000052054 in the amount of €5,012.34 for the premises 21, Triq il-Parrocca, Ħaż-Żebbuġ, Malta; and

ii. As for bill number 101000164592 in the amount of €2,010.92 for the premises Flt 1, St Rita, Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ, Malta.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 25th November, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2212

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Lulju 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 873/2019, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Nathan Bugeja, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 16 ta' Mejju 2019

By means of a decree of the 21st July 2021, in the records of the judicial letter number 873/2019, in the names HSBC Bank Malta plc vs Nathan Bugeja, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 16th May 2019

Lil Nathan Bugeja (KI 190390M) ta' Block A, Flat 3, Triq il-Gwiebi, San Pawl il-Baħar.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Valletta.

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €1,451.21 rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' €1,371.60 bħala kapital u in kwantu għas-somma ta' €43.52 bħala imgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sal-10 ta' Mejju 2019, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 073-091571-341 gia bin-numru 073-091571-001, liema somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' Rescheduled Overdraft, mill-bank mittent u aċċettata minnek oltre l-imgħax mill-11 ta' Mejju 2019 sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma inti għalkemm repetutatment interpellat biex tħallas, inqast milli tagħmel dan; u

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €6,072.08 rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' €5,885.49 bħala kapital u in kwantu għas-somma ta' €186.59 bħala imgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kaptial sal-10 ta' Mejju 2019, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 073-091571-340 gia bin-numru 073-091571-001 liema somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' Rescheduled Overdraft, mill-bank mittent u accettat minnek, oltre l-imgħax mill-11 ta' Mejju 2019 sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas, inqast milli tagħmel dan; u

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €1,093.02 liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 037-003274-340, liema somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' Overdraft mill-bank mittent u aċċettata minnek, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas, inqast milli tagħmel dan.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma' huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, inti tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank peremezz ta' att notarili. F'dan il-każ inti mitlub illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad Nutar.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mill-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-nuqqas jittieħdu passi bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

To Nathan Bugeja (ID 190390M) of Block A, Flat 3, Triq il-Gwiebi, San Pawl il-Baħar.

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Calls upon you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €1,451.21 representing as for the amount of €1,371.60 as capital and as for the amount of €43.52 as interest that accrued on the capital till the 10th May 2019, which amount is due on the account number 073-091571-341 previously with number 073-091571-001 which amount was duly given to you by means of the Rescheduled Overdraft facility with the interpellant bank and accepted by you besides the interest from the 11th May 2019 till the date of this letter, together with further legal interest on the capital sum from the date of this letter till the date of effective payment, which amount you were repeatedly solicited to pay but remained in default;

Calls upon you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €6,072.08 representing as for the amount of €5,885.49 as the capital amount and as for the amount of €186.59 as interest that accrued on the capital till the 10th May 2019, which amount is due on the account number 073-091571-340 previously with number 073-091571-001 which amount was duly given to you by means of the Rescheduled Overdraft facility with the interpellant bank and accepted by you besides the interest from the 11th May 2019 till the date of this letter, together with further legal interest on the capital sum from the date of this letter till the date of effective payment, which amount you were repeatedly solicited to pay but remained in default;

Calls upon you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €1,093.02 which amount is due on the account number 037-003274-340 which amount was duly given to you by means of the Overdraft facility with the interpellant bank and accepted by you, which amount although you repeatedly solicited to pay but remained in default.

To avoid useless court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you need more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notorial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a Notary.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 25 ta' Novembru 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th November 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2213

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Lulju 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 890/2019, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Karl Francica, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 21 ta' Mejju 2019

Lil Karl Francica (KI 666882M) ta' Rockcliff Crt, Fl 4, Triq Cassarino, San Pawl il-Baħar SPB 1010.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Valletta.

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €744.39 rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' €673.62 bħala kapital u in kwantu għas-somma ta' €70.77 bħala imgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sat-8 ta' Mejju 2019, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 073-095861-300, liema somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' Personal Loan mill-bank mittent u aċċettata minnek oltre l-imgħax mid-9 ta' Mejju 2019 sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma inti għalkemm repetutatment interpellata biex tħallas, inqast milli tagħmel dan; u

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €598.22 bħala kapital u in kwantu għas-somma ta' €4.04 bħala imgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kaptial sal-21 ta' April 2019, bl-ispejjeż amministrativi, oltre l-imgħax mit-22 ta' April 2019 sad-data ta' din l-ittra flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv u dana in rifużjoni ta' flus lilek avvanzati fuq faċilità ta' Visa Classic Card bin-numru 4568 8212 3874 5199, liema somma inti għalhekk reputatament interpellata biex tħallas, inqast milli tagħmel dan.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma' huwiex possibbli

By means of a decree of the 21st July 2021, in the records of the judicial letter number 890/2019, in the names HSBC Bank Malta plc vs Karl Francica, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 21st May 2019

To Karl Francica (ID 666882M) of Rockcliff Crt, Fl 4, Triq Cassarino, San Pawl il-Baħar, SPB 1010.

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Calls upon you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €744.39 representing as for the amount of €673.62 as capital and as for the amount of €70.77 as interest that accrued on the capital till the 8th May 2019, which amount is due on the account number 073-095861-300 which amount was duly given to you by means of the Personal Loan facility with the interpellant bank and accepted by you besides the interest from the 9th May 2019 till the date of this letter, together with further legal interest on the capital sum from the date of this letter till the date of effective payment, which amount you were repeatedly solicited to pay but remained in default;

Calls upon you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €598.22 as capital amount and as for the amount of €4.04 as interest that accrued on the capital till the 21st April 2019, with administrative costs, besides the interest from the 22nd April 2019 till the date of this letter together with further legal interest on the capital sum from the date of this letter till the date of effective payment and this by way of refund of money advance to you by means of Visa Classic Card facility with number 4568 8212 3874 5199, which amount you were repeatedly solicited to pay but remained in default;

To avoid useless court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you need more time to pay

u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, inti tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank peremezz ta' att notarili. F'dan il-każ inti mitlub illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad Nutar.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mill-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-nuqqas jittieħdu passi bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 25 ta' Novembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notorial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a Notary.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th November, 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2214

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-11 ta' Frar, 2022 fuq talba ta' Marthese Coleiro ġie ordnat biex jintagħżu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarju jew direttarji mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 238/2022 fl-ismijiet Marthese Coleiro vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Marthese Coleiro (KI 337969M) bint Philip Coleiro u Osanna nèe Cachia, imwielda Ħaż-Żebbuġ fid-19 ta' Awwissu 1969 vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw direttarju jew direttarji li mhux magħrufa ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Frar, 2022 fejn Marthese Coleiro esponiet bir-rispett:

Illi l-esponenti hija proprjetàrja tal-fond bin-numru uffiċjali 91 bl-isem Porto Paolo fi Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar, liema proprjetà tinsab aħjar deskritta fuq is-site-plan hawn annessa u mmarkata bħala Dok MC1;

Illi l-proprjetà suċitata ġiet akkwistata mill-poter ta' George Briffa u oħrajn permezz ta' kuntratt ta' komprovendita ppubblikat in atti tan-Nutar Angele Rapa, datat 9 ta' Frar 2012 kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok MC2.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 11th February, 2022, following a request by Marthese Coleiro it was ordered that deputy curators be appointed to represent the owners who have the directus dominus and sub-directus dominus in the acts of the schedule of deposit number 238/2022 in the names Marthese Coleiro vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of groundrent filed in the First Hall of the Civil Court on the 7th February, 2022, in the names Marthese Coleiro (ID 337969M) daughter of Philip Coleiro and Osanna nèe Cachia, born in Ħaż-Żebbuġ on the 19th August, 1969 vs deputy curators to represent the unknown direct owner or direct owners, the applicant Marthese Coleiro respectfully submitted:

That the applicant is the owner of the premises with official number 91, with the name Porto Paolo, in Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar, which property better described on the site-plan here attached and marked as Doc MC1.

That the property above mentioned was acquired from George Briffa and others by means of a contract of sale published in the records of Notary Angele Rapa dated 9th February 2012, copy of which is here attached and marked as Doc MC2.

Illi, di piu, l-proprjetà suriferita hija wkoll soġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' €6.06;

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakolta mogħtija lilha ai termini tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u tirredimi ċ-ċens sovra indikat.

Illi l-esponenti ma tafx lil min hu dovut dan il-kanone u għaldaqstant mhux qed jitħallas.

Illi l-esponenti ma' tafx lil min hu dovut dan il-kanone u għaldaqstant qiegħda tintavola rikors għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interess tad-direttarji mhux magħrufa, jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu;

Illi ċ-ċens annwu u perpetwu ta' €6.06 kkapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €121.20.

Illi l-esponenti tixtieq ukoll tħallas l-import ta' ħames (5) snin ċens u cioe s-somma ta' €30.30 filwaqt li qiegħda wkoll, għal kull buon fini, tħallas laudemium fis-somma ta' €6.06;

Għaldaqstant l-esponenti qiegħda tadixxi din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha tiddepożita s-somma komplessiva ta' €157.56 sabiex din is-somma tiġi liberament żbankata mill-intimati u dan wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Depositanti: Marthese Coleiro – 91 Porto Paolo, Apt 6, Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar.

Notifika:

i) kuraturi deputati

ii) Direttur Reġistru Pubbliku, Triq id-Dejqa, Valletta.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Neville Camilleri B.A., LL.D., M.A. (Fin.Serv.) Duttur tal-Liġi.

That also the property above mentioned is subject to the annual and perpetual groundrent of €6.06;

That the applicant wish to avail herself from the option given to her in terms of article 1501 of the Civil Code and redeem the groundrent above mentioned.

That the applicant does not know to whom this groundrent is due and thus it is not being paid;

That together with this schedule of deposit the applicant is filing an application for the nomination of deputy curators to represent the interest of the unknown direct owners or their successors in title.

That the annual and perpetual groundrent of €6.06 capitalised with the rate of 5% amounts to €121.20;

That the applicant wishes to pay five (5) years groundrent installments and that is the amount of €303.0 whilst it is also paying the laudemium for the amount of €6.06.

Thus the applicant is requesting this Honourable Court and under its Authority is depositing the total amount of €157.56 so that this amount will be freely withdrawn by the respondents after leaving the relative receipt according to law.

Applicant: 91, Porto Paolo, Apt 6, Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar.

Notice:

i) Respondent: Deputy curators

ii) Director Public Registry, Triq id-Dejqa, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Neville Camilleri B.A., LL.D., M.A. (Fin. Serv.), Doctor of Laws.

Illum 11 ta' Frar 2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Novembru 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

Today 11th February 2022

Registry of the Superior Courts, today 25th November 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2215

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

